TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Roxanne Cauchi

vs

E' Casa Ltd

CCT 89/22/MS

19 ta' April 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Gunju 2022 fejn ippremettiet illi hija ordnat *walk-in wardrobe* mis-socjeta' intimata u meta waslet l-ordni u nfethu l-kaxxi, l-ordni ma kenitxx konformi ma dak li kienu ordnaw; kien hemm ukoll hsarat *(damages)* u affarijiet neqsin. Ir-rikorrenti ghalhekk talbet illi tiehu lura l-ammont ta' €2,750 - il-prezz li hija hallset ghall-ordni kif ukoll spejjes ohra relatati.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fid-19 ta' Lulju 2022 fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrenti; illi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet; bl-ispejjes.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ra illi hadd mis-socjeta' intimata ma deher quddiem dan it-Tribunal.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulju 2021, ir-rikorrenti ghamlet ordni ghal *walk-in wardrobe,* liema ordni giet konsenjata fid-29 ta' Settembru 2021 u installata fil-5 ta' Ottubru 2021. Meta nfethu l-kaxxi gie nutat mal-ewwel illi l-*back panels* kienu differenti minn dawk li huma kienu ordnaw. Huma ordnaw panelli bojod minghajr vina u kxiexen grizi minghajr pumi, mentri dawn kienu kompletament differenti. Ir-rikorrenti cemplet is-socjeta' intimata u tkellmet ma' xi hadd Liliana li ammetiet l-izball u kkonfermat li l-ordni konsenjata kienet fil-fatt differenti minn dak li huma kienu ordnaw. Ftehmu li r-rikorrenti tistenna gimghatejn sakemm tasal l-ordni originali. Pero' fit-18 ta' Ottubru 2021, rega' gie l-installer b'back panel wiehed li kien jixbah il-pannelli l-ohra, pero' l-abjad kien aktar safrani u ma jaqbilx mal-ohrajn.

Regghet cemplet u tkellmet ma' salesgirl li qaltilha biex tinstalla l-pannelli il-hziena li kienet irceviet u twahhalhom bin-naha tal-vina fuq wara biex in-naha li tidher tkun il-bajda. Is-salegirl qaltilha biex twahhalha umbaghad tilmenta wara. Kif tlestiet l-installazjoni ir-rikorrenti hallset ghal ordni li kien differenti minn dik li ordnat.
Kien hemm diskrepanzi ohra u lanqas il-kxaxen kienu dawk li ordnaw. Indunaw wkoll illi hadd mis-socjeta' intimata kien gie biex ikejjel, u ghalkemm huma kienu pprovdewlhom il-qisien, il-kaxxi ma qaghdux. L-installer ghamel toqob zejda, aktar milli kien hemm xkaffar.
Wara hafna emails, telefonati u zjarat, is-socjeta' intimata iddecidiet illi terga' taghmel l-ordni originali, kif xtaqu huma, pero' l-pannelli regghu gew bil-vina u ghalhekk ir-rikorrenti hasset li ma kellhiex taccetta ordni li kien differenti minn dik miftiehma u mhux tal-gosti taghha. Qalet ukoll illi hallset il-flus u ppretendiet li l-prodott li jasal ikun tajjeb.

Xehed ukoll Glenn Zammit, li kkonferma illi huma kienu ordnaw walk-in wardrobe minn E' Casa Ltd fit-2 ta' Lulju li giet konsenjata fid-29 ta' Settembru u installata fil-5 ta' Ottubru 2021. Ikkonferma illi meta giet installata indunaw illi kien hemm hsarat u li partijiet mill-ordni ma kienux konformi ma' dak li kienu ordnaw originarjament, fosthom il-kxaxen u l-pannelli ta' wara. Huma infurmaw is-socjeta' intimata bis-difetti u rega' gie l-installer gimghatejn wara, pero' l-affarijiet baqghu l-istess u l-ordni baqghet mhux konformi. Huma ordnaw pannelli bojod u *plain,* mentri dawn kienu safranin u *textured.* Kellhom laqgha ghand E' Casa Ltd rigward l-affarijiet li kienu neqsin u l-affarijiet li kienu dannegjati, u fl-istess laqgha sar ordni mill-gdid ghal dawn l-affarijiet u s-socjeta' intimata accettat l-istess. Qal ukoll illi huma kienu assistiti minn Silvia Vullo li kienet qed tmexxihom fuq l-ordni. L-ahhar ordni saret fl-20 ta' Ottubru 2021 meta huma kienu marru ghand is-socjeta' intimata u ntbghatet email fejn hemm indikat l-affarijiet li kellhom jigu mibdula. Wara din il-gurnata, ma semghu xejn iktar. Ikkonferma illi huma kienu hallsu l-ammont shih ta' €2,750 meta saret l-installazjoni fil-5 ta' Ottubru.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza r-rikorrenti qed titlob il-kundanna tas-socjeta' intimata ghall-hlas ta' €2,750, filwaqt li s-socjeta' intimata qed tecepixxi illi l-fatti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Illi ghalkemm is-socjeta' intimata ghamlet risposta fejn indikat illi hi ma kenitx hi li kkontrattat mar-rikorrenti, il-piz tal-prova f'dan il-kaz tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' provi, jew anke fid-dubju, it-Tribunal ma jistax jipprezumi xejn. Inoltre, ghandu jigi rilevat illi l-ligi tezigi illi kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede. Ma jistax jkun hemm dubju illi r-rikorrenti u Glenn Zammit marru fizikament ghand is-socjeta' intimata u ghamlu l-ordni wara li tkellmu ma' nies illi kienu prezenti u jahdmu hemmhhekk. U meta kien hemm problemi bl-ordni, apparti l-fatt illi regghu marru fizikament ghand is-socjeta' intimata biex jsibu soluzzjoni, kienu f'kuntatt ma' Liliana Borg li kienet tibghat emails minn fuq l-indirizz liliana@ecasa.com.mt, u gieli anke kien hemm korrispondenza ma' logistics2@ecasa.com.mt kif ukoll ma' info@ecasa.com.mt.

Fin-nuqqas ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tghid ir-rikorrenti, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha li tisthoqq li tigi akkolta fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' elfejn seba mija u hamsin euro (€2,750.00), bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura l-ordni kollha wara li jsir id-debitu hlas.

**Michela Spiteri LL.D.**
**Arbitru**